**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Gunju 2025</u>**

**<u>Rikors Ġuramentat bin-numru 91/2023AGV;</u>**

<u>Fl-ismijiet:</u>

**DB**

**vs**

**KB**

**Il-Qorti ;**

**Rat IR-RIKORS GURAMENTAT ta' DB ;**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu DB jikkonferma illi

Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza

1. Il-kontendenti izzewgu nhar it-3 t`Ottubru 2015, u minn dan iz-zwieg kienu twieldu l-minuri tewmin MR B u GC B nhar il-5 ta' Dicembru 2017 (certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok A u Dok B rispettivament).

2. Iz-zwieg tal-partijiet ma kienx irnexxa u huma kienu lahqu ftehim bonjarju liema ftehim kien gie approvat minn din l-Onorabbli Qorti u konsegwentament kien iffirmat nhar is-26 t`Ottubru 2020 u ppublikat.

3. Minkejja li l-partijiet iffirmaw ftehim kif hawn fuq deskritt liema ftehim kien jirregola wkoll il-kura u l-kustodja , access u manteniment tal-minorenni, malli bdew l-isleep overs ghad r-rikorrenti missier l-intimata Karen bdiet tfassal pjan sabiex dak il-partijiet qablu dwaru jigi revokat

4. Fit-28 ta' Gunju 2020, l-intimata K , kienet talbet lill-esponenti sabiex isiru xi bdilt fil-kuntratt ta' separazzjoni taghhom rigward dak li jaffetwa il-hinijiet tal-access ta' fost il-gimgha ghal-missier l-esponent ma kienx qabel ma' dan, billi l-esponenti xtaq li jekk ikun hemm bdil l-espoent ghandu jogbor lil minorreni mill-iskola hu. Xi haga li l-intimata dejjem irrifjutat.

5. Sussegwentament l-intimata KB f`Lulju tas-sena 2022 bdiet qlajiet dwar dak li hi sejhet tounge fighting fejn hija kienet allegat li t-tfal kienu joqghodu johorgu lsienhom meta jkunu maghha. Dan l-agir l-esponenti qatt ma kien rah mill-miniorenni.

6. Eventawlment l-intimat fethet il-medjazzjoni nhar is-16 ta' Dicembru 2022, wara fl-5 ta' Jannar 2023 intavolat li kien fih disa' 9 talbiet fosthom sabiex jigu sospizi l-isleep overs mal-esponenti missier di piu l-ewwel seduta ta' medjazzjoni kienet skedat ghat- 2 ta' Frar 2023 ghalhekk xahar wara li kien r-rikors fl-istess Rikors K b`differenza issa aktar milli insinwat allegat illi l-esponenti kien b`xi mod involut f' dan li hi sejhitlu tounge fighting,

7. Nhar it-23 Jannar din L-Onorabbli Qorti hatret lil Dr. Tanya Sammut bhala avukat tat-tfal wara li tkellmet lill-minuri tirrelata lill-Qorti dwar it-talbiet ta' K u dan fid- dawl tar-risposta ta' D

8. L-avukata tat-tfal Dr. Tanya Sammut kient appuntat liz-zewg genituri sabiex issir il-laqgha taghha mal-minorrenni kif il-fatt sar. Wara tali laqgha mal-minuri u wara li tlesta r-rapport izda qabel kien notifikat lill-espoenti K B intavolat rikors fl-14 ta' Frar 2023, u tant sabiex jinhatar avukat tat-tfal iehor ghal minorenni wara li kien allegat mill-istess intimata illi l-avukata Dr. Tanya Sammut kienet pregudikata .

9. L-esponenti ma nghatx dritt jirrispondi ghar-rikors tal- 14 ta' Frar 2023 u fil-15 ta' Frar 2023 din L-Onorabbli Qorti iddikjarat li ma kienx se tiehu konjizzjoni tar-rapport ta' Dr .Sammut kienet sussegwentament sostwita Dr .Mary Muscat.

10. B`differenza Dr. Mary Muscat ma baghtitx ittra bl-appuntament ghal mal-minorenni lill-espoenti missier il-minorenni izda ikkomunikaw direttament mal-omm tant li l-missier ma kienx infurmat bid-data tal-appuntament mal-avukat tat-tfal. Oltre‘ min hekk l-esponent anqas ma kien notifikat mir-rapport tal-avukat u anqas ma inaghata dritt ghal risposta izda intebah biss li kienet saret dil-laqgha bejn Dr. Mary Muscat minn wara dahru, tramite digriet tal-4 ta‘ April 2023 u dan minkejja li huwa ukoll ghandu l-kura u l-kustodja tal-minorrenni.

11. FL-istess digriet tal- 4 tal- April 2023 din l-onorabbli Qorti ghamlet referenza ghar-rapport tal-avukat tat-tfal minkejja dan l-esponenti ghandu ma gietx notifikata bir-rapport tal -avukat tat-tfal u anqas ma jaf meta saret l-istess laqgha .

12. Tramite l-istess digriet tal- 4 ta‘ April 2023 il-hajja tal-esponent DB u ta‘ uliedu M u G inqalbu ta‘ taht fuq .

13. L-access tal-esponeti ghall- minorenni inqabel ghal wiehed supervizjonat darbtejn fil-gimgha u dan fuq direttorat ghall-harsien tat-tfal waqaf wkoll l-isleep overs tal-minorenni ghand l-esponenti missier dan kollu sehh waqt li l-minorenni kienu msiefra ma‘ ommhom K u ghalhekk wara s-safra sa isaa l-esponenti ma kellux access ghal minorenni billi fil-prezent huwa qed fuq waiting list sabiex jibqa l-access supervizjonat.

14. DB jhossu ferm aggrvat stante illi r-relazzjoni tieghu ma‘ uliedu giet kundizzjonata fuq prezent t-terminata , minghajr ma nstema u minghajr ma inghata c-cans li jgib kundizzjonji t l-Onorabbli Qorti illi

Dr. Mary Muscat hija kollega tal-intimtata KB gewwa l-Universita‘ ta‘ Malta stante li li-stess Dr. Mary Muscat naqset milli tiddikjara tali fatt hi kif ukoll nqaset li tinforma lill-esponenti bid-data tal-laqgha li ser jkollha mail minuri . ghalhekk hija xewqa tal-esponenti illi digriet jigi revokat kif ukoll sepcifikament fejn kien ordnat illi l-isleepovers mal-missier jieqfu kif ukoll fejn kien ordnat l-missier ikollu access supervizjonat mal-minuri.

15. L-esponenti fil-passat kien ghamilha cara lill-intimat illi huwa m‘ghandux xejn kontrieha , izda ir-risposta taghha kienet illi ma kienetx thossa l-istess anzi hija gieli stqarret ukoll mal-esponenti il-kliem you are dead to me.

16. F ,okkazzjoni ohra meta l-esponenti saqsa lill-intimata dwar trerapija tal-minuri M ir-risposta li rcieva kienet this is something im dealing with myself u ghalhekk l-intimata naqset milli taghti informazzjoni dwar il-minorreni lill-esponenti missier li wkoll ghandu l-kura u l-kustodja tal-minorenni u dan ai termini tal-klawzola numru 6 tal-ftehim bonarju ffirmat bejn il-partijiet.

17. Oltre min hekk l-espoenti huwa koncernat ferm dwar s-sahha mentali ta‘ K B li waqfet tissimola sitwazzjoni tant invertiera izda tant dannuza ghal ulied stess ihoss li fl-ahjar interess tal-minuri ghandu jigi mistharreg jekk l-istess KB ghandiex il-kapacitajiet mentali sabiex tiehu hsieb lil minuri ai termini tal-artikolu 71 u 38 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta; Malta, u ghalhekk fl-ahjar interess tal-minorenni li jkomplu jirrisjedu maghha stante li qieghda tivvinta qlajjiet dwar missierhom u timlilhom rashom bi stejjer inveritieri dwar missierhom anke issa li ghadhom ta‘ eta tant tenera. Il-preokkupazzjoni tal-

esponenti hija li tezisiti biza‘ reali illi K  m`hijex ta‘ kapacita mentali li taghmel detachment personali bejn kif thossha dwar l-esponenti u qieghda ghalhekk tinvolvi lil minorenni ta‘ hames snin b`mod attiv.

18. Ai termini ta‘ digriet data erbgha t‘ April  elfejn u tlieta u ghoxrin (2023 ) din L-Onorabbli Qorti ordnat l-gheluq tal-medjazzjoni u awtorizzat lil partijiet sabiex jipprocedi b‘ din il-kawza.

19. Ir-rikorrenti jaf personalment b`dawn il-fatti kollha.

Raguni tat Talba

20. Ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza.

Talbiet

**Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex prevja kull dikjarazzjoni opportuna u moghtija dawr il-provvedimenti kollha necessarji fic-cirkostanzi tal-kaz, din l-Onorabbli Qorti m`ghandiex:**

1. Tallega l-atti tal-medjazzjoni (ittra numru 1503/ 2022 mal-kawza odjerna .

2. Tirrevoka d-digriet datat 4 ta’ April 2023 in atti tal-Ittra Numru 1503/2022 fejn kien ordanta illi l-isleepovers mal-missier jieqfu kif ukoll fejn kien ordnat illi l-missier ikollu access supervizjonat mal-miunri.

3. Tiehu dawk il-provvediment kollha xierqa fic-cirkustanzi dwar r-residenza kura u kustodja access u manteniment tal-minorenni M u G u tant wara li tisma lil minorenni u l-professjonisti kollha involuti fil-kaz.

4. Bl-ispejjez kontra l-intimata KB illi tinsab minn issa ngunta in subizzjoni.

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Risposta Ġuramentata ta' KB ;**

Tesponi bir-rispett:

1. Illi jibda biex jingħad illi l-iskop tar-rikors intavolat mill-attur huwa sabiex jipprova joskura u jħammeġ lill-esponenti omm b'allegazzjonijiet foloz, qarrieqa u inveritiera għall-aħħar biex l-istess attur mingħalih li ser jakkwista xi punti ma' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi b'żieda mas-*suespost*, l-esponenti qegħda toġġezzjona bil-qawwa kollha għat-talbiet kollha tar-rikorrenti u dan għar-raġunijiet li ser isegwu;

3. **Dwar l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Talba tar-rikorrenti**

**Illi preliminarjament, l-esponenti qed tiċħad kategorikament, u bl-aktar mod assolut l-allegazzjonijiet kollha li r-rikorrenti ivvinta f'dan l-istadju biex inissel suspetti dwar l-aġir tal-esponenti versu l-minuri. L-esponenti tirriserva minn issa d-dritt li tressaq xhieda in sostenn;**

Illi l-esponenti mhux ser tqarraq bil-Qorti u għall-kuntrarju ta' dak li qed jipprova jagħmel l-attur fejn tiegħu qed jipprova jixħet it-tajn fuq ħaddieħor, l-esponenti omm hija intiża biss sabiex filwaqt li tħares l-aqwa interessi tal-minuri M u G , toħroġ il-verità;

4. Illi minkejja li l-partijiet kienu laħqu ftehim bonarju b'rabta mal-firda personali ta' bejniethom, l-attur kien ta' sikwit ibiddel l-aċċess skont kif jaqbel lilu (*screenshots* annessi u mmarkati bħala 'DOK.A');

5. Illi ta' min jgħid li malli bdew iseħħu l-*isleepovers* għand l-attur, l-imġieba ta' dawn it-tfal minuri u ċioé M u G bdiet tinbidel b'tali mod li malli jintebħu li ser imorru jorqdu għand missierhom dawn jibdew jgħajtu u jwerżqu u jipprotestaw;

6. **Illi fil-*video clip* anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala DOK.B, it-tfal filli jidhru kwieti u filli meta l-esponenti qaltilhom "Ejja qalbi let's get ready" malli t-tifla tinstema ssaqsiha għalxiex, il-minuri G qabdet tipprotesta u bdiet tgħid "We can't sleep there" u malli l-esponenti bdiet tgħdilhom "Come belli; G , isa qalbi għax he's going to ring the bell soon" it-tewmin bdew iwerżqu "No";**

7. Illi f'dan l-istess filmat, M viżibilment emozzjonata tant li marret tistaħba fid-*Doll House* li għandhom hi u oħtha, staqsiet lill ommha (l-esponenti) "Mama will we sleep there?" u infexxet tgħajjat u twerżaq (kopja tat-Transcript kollu ta' dan il-filmat qed jiġi anness u mmarkat 'DOK. B 1') ;

8. **Illi minkejja li l-esponenti qatt ma ċaħdet lill-attur milli jara l-uliedu, meta jkun imisshom l-aċċess jibdew jipprotestaw u jitkarbu sabiex ma jmorrux. Għal dawn it-tfal, aċċess mingħajr sleepover huwa '*short'* mentri aċċess bi *sleepover* huwa '*long'*. Infatti f'filmat minnhom (anness u mmarkat bħala 'DOK.Ċ') iż-żewġ minuri qegħdin jipprotestaw billi jgħidu "No" u sussegwentement G qed tgħid *"Short time you said, not long. Always short, not always long"* u ftit wara l-minuri M tinstema tgħid *"I don't want to go"*** (kopja tat-Transcript kollu ta' dan il-filmat qed jiġi anness u mmarkat 'DOK. Ċ 1');

9. **Illi l-attur jaf ben tajjeb b'din is-sitwazzjoni fejn saħansitra fil-preżenza tiegħu (fid-dar tal-esponenti fejn l-istess D B għamel għoxrin minuta hemm ġew) l-minuri bdew jipprotestaw u kien hawn li l-istess esponenti staqsiet lill-attur dwar x'qed jiġri. Illi fl-istess filmat li qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.D', il-minuri G qed tgħid "I have a backpack so I have to go and today is short. Papà today we stay short. Mama, he said yes. We are staying short." Illi fl-istess filmat, il-minuri G tinstema' tgħid "One with backpack goes to papà. M doesn't like to go as she will sleep there" ftit wara l-istess tifla tgħid "We will only do the homework and off we go" (kopja tat-Transcript kollu ta' dan il-filmat qed jiġi anness u mmarkat 'DOK. D 1');**

10. Illi mindu bdew iseħħu *sleepovers* għand l-attur, il-minuri M kien qed ikollha sintomi ta' *withdrawals*, b'tali mod li din qed taffetwalha l-imġieba tagħha kif ukoll fil-mod kif hija tirrelata u tikkomunika mal-oħrajn b'tali mod li din it-tifla saħansitra bdiet tibki mix-xejn u ma kienitx qed tkun parteċipi fil-klassi (Korrispondenza bejn Ms Josette u l-esponenti qed tiġi annessa u mmarkata bħala 'DOK. E);

**11. Illi minkejja dan l-inkwiet kollha fejn saħansitra t-tfal anke kienu jiġu d-dar b'marki ta' ħmura fuq ġisimhom u saħansitra anke mbenġlin (ritratti annessi u mmarkati bħala DOK.E1), l-esponenti dejjem rat kif għamlet u onorat l-obbligi tagħha kif inhu stipulat fil-kuntratt ta' firda personali;**

12. Illi r-reżistenza tat-tfal biex ma jmorrux għand missierhom għal ħin twil kompliet tiżdied, fejn saħansitra anke quddiem l-attur, huma urewh biċ-ċar li ma jridux imorru għandu għal ħin twil;

**13. Illi riċentement, l-istess minuri marru fuq ommhom u qalu li l-attur qed jagħmel *tongue fights* magħhom;**

**14. Illi l-esponenti kemm-il darba staqsiet lil dawn it-tfal separatament waħedhom sabiex jgħidulha fuq dawn it-*tongue fights* u saħansitra darba minnhom anke fil-preżenza ta' xulxin kif qed jiġi muri f'filmat li qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK. F' il-minuri qed tinstema tgħid "Mamà we will show you what papà does when we stay long";**

15. Illi b'referenza għal dan l-aġir, l-esponenti bagħtet messaġġ lill-attur u apparti li għajjarha giddieba, hu sfidha sabiex tibgħatlu bl-avukat (kif hekk għamlet) u fl-aħħar spiċċa l-messaġġ "Qażżist l'Alla li ħalqek" (kopja tal-messaġġ qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.G');

**16. <u>Illi minkejja li l-esponenti Omm marret tfittex l-għajnuna tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, dawn għalqulha l-bibien f'wiċċha u ma investigawx;</u>**

**17. <u>Illi apparti dan l-aġir skandaluż, minkejja li l-attur qed jipprova jagħti l-impressjoni li l-esponenti mhux kapaċi tieħu ħsieb lit-tfal, huwa naqas milli jinforma lil din il-Qorti li meta kellu l-minuri miegħu, huwa kien qed jiġi mfittex mill-pulizija tar-Rapid Intervention Unit *stante* li kien qed jikkontempla li jagħmel suwiċidju;</u>**

**18. <u>Illi l-esponenti taf b'dan l-istat ta' fatt *stante* li l-istess pulizija marru jħabbtulha d-dar u staqsewha għall-attur; fejn hi infurmathom li kien għadu kif għadda għall-minuri M u G għaliex kien imissu l-aċċess- u l-istess pulizija marru jfittxuh fl-irdumijiet ta' Ħad Dingli;</u>**

**19. <u>Illi dwar dan il-fatt, l-esponenti marret tagħmel Rapport għand il-pulizija (Rapport anness u mmarkat bħala DOK.H) u sussegwentement marret tagħmel rapport għand id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fejn għal darb'oħra, dawn reġgħu għalqulha l-bibien;</u>**

20. **<u>Illi din mhux l-ewwel darba li l-attur kien qed jesponi lill-minuri f’perikolu ċar, stante li għamel żmien kien f’relazzjoni ma’ ċertu M C u li żewġha kien heddu b’saħansitra mewt; Illi b’referenza għal dan l-inċident, l-attur kellu wkoll proċeduri kriminali mal-istess individwu;</u>**

21. Illi kull ma jmur is-sitwazzjoni bdiet tikkawża ansjetà kemm fuq l-esponenti kif ukoll fuq iż-żewġ uliedha;

22. Illi kien għal dan il-għan li l-istess esponenti irrikorriet għal din l-Onorabbli Qorti għaliex ħajjet dawn it-tfal kienet f’perikolu ċar;

23. Illi minkejja li din l-Onorabbli Qorti inkarigat Avukat tat-Tfal, l-Avukat kien imissha fuq ir-roster kienet Dr Tanya Sammut;

24. Illi fil-ġurnata li t-tfal kellhom jiġu mitkellma mill-Avukat tat-Tfal, l-attur mar bir-razza u r-radika miegħu fosthom ommu kif ukoll oħtu-b’din tal-aħħar hija ħabiba tal-istess Avukat tat-Tfal u saħansitra jafu lil xulxin u huma ħbieb fuq Facebook u mhux l-ewwel darba li oħt DB ħamlet ‘*like’* fuq xi ritratt tal-istess Avukat tat-Tfal;

25. Illi wara l-appuntament mal-Avukat tat-Tfal, iż-żewġ minuri qalu lill-ommhom li Dr Tanya Sammut bdiet tgħidilhom li missierhom iħobbhom u li huma ser ikunu qed imorru għand il-papà (għall-isleepovers);

26. Illi apparti dan il-kunflitt ta’ interess *stante* li l-istess Avukat tat-Tfal taf lill-oħt l-attur, l-irwol tal-Avukat tat-Tfal huwa sabiex jisma’ lill-istess minuri;

27. Illi kien minħabba dan il-kunflitt ta' interess li l-esponenti uriet bil-fatti u talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex l-istess Avukat tat-Tfal tiġi sostitwita;

28. Illi din l-Onorabbli Qorti laqgħat it-talba u l-Avukat tat-Tfal ġie sostitwit permezz ta' Digriet maħruġ nhar il-15 ta' Frar 2023 (DOK.I);

29. Illi minħabba din is-sostituzzjoni u li minħabba li r-Rapport tal-Avukat tat-Tfal ħareġ il-verità kollha, sfortunatament l-attur ivvinta storja fejn qed jipprova jimplika li l-Avukat tat-Tfal Dr Mary Muscat taf lill-esponenti għaliex l-intimata taħdem l-Università ta' Malta;

30. Illi l-Università ta' Malta għandha ħafna letturi u l-esponenti lanqas biss taf lill-Avukat tat-Tfal Dr Mary Muscat *stante* li l-istess esponenti taħdem fil-Fakultà tal-Media u l-Għarfien tax-Xjenza u sa meta ġiet inkarigata l-imsemmija Avukat tat-Tfal, l-esponenti qatt ma kienet semgħet b'Dr Mary Muscat;

31. Illi li kieku veru kien hemm kunflitt ta' interess kif qed jipprova jagħti l-impressjoni l-attur, l-istess rikorrent kien jintavola rikors ta' varjazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex tvarja d-Digriet tal-15 ta' Frar 2023 u jitlob li l-Avukat tat-Tfal Dr Mary Muscat tiġi sostitwita;

32. Illi minkejja li l-attur qed jipprova jagħti l-impressjoni li huwa mċaħħad milli jara lill-uliedu dan mhuwiex il-każ, għaliex dakinhar tal-Għid il-Kbir, sabiex ma tħassarx festi, l-esponenti uriet rieda tajba u qalet lir-rikorrent sabiex jekk irid jara lit-tfal fil-preżenza tagħha,

iżda dan tal-aħħar qajla għamel dan għaliex mar jiċċelebra l-festi tal-Għid billi attenda ikla mal-qraba u l-ħbieb tiegħu (ritratt anness u mmarkat bħala 'DOK.J');

33. Illi minn mindu ħareġ id-Digriet sa issa, l-istess Attur ma għamel xejn għajr milli kontinwament qed jipprova jintimida lill-istess esponenti (provi annessi u mmarkati bħala 'DOK.K';

34. Illi minkejja li t-tfal għandhom id-dritt li jgawdu lill-ġenituri, l-istess adulti huma fid-dmir li jħarsu l-interess suprem ta' uliedhom ( ritratti tat-tfal ma' missierhom annessi u mmarkati bħala 'DOK.L' mentri ritratti tat-tfal mal-esponenti inkluż tal-ambjent li jgħixu fih qed jiġu annessi u mmarkati bħala 'DOK.M');

**<u>Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti omm umilment tissottometti illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* in vista illi l-ebda prova ma nġiebet in sostenn tal-allegazzjonijiet magħmula u aktar minn hekk ma jeżistux l-estremi rikjesti mil-Liġi biex l-attur jingħata l-kura u l-kustodja tal-minuri u l-istess minuri jirresjedu miegħu.</u>**

Tant għandha x'tissottometti f'dan l-istadju l-esponenti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat li giet nominata Dr. Moira Borg bhala terapista ghall-minuri b'digiret tal-21 ta' Gunju, 2023.

Rat ir-rapport ta' Andreana Gellel ghan-nom tad-Direttorat ghall-Harsien tat-tfal datat 23 ta' Gunju, 2023.[1]

**IKKUNSIDRAT:**

**Fatti**

1. L-attur jikkonferma li kien issepara minn mal-konvenuta f'Settembru, Ottubru, 2020 u jikkonferma ukoll li miz-zwieg taghhom kellhom tewmin G u M li ghandhom hames snin.

   Skond il-kuntratt ta' separazzjoni kien gie miftiehem li l-access jiġi ezercitat kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn l-5.30 pm u 8 pm u kien hemm *sleepover* darba fil-gimgha s-Sibt mis-6 pm sal-ghada l-Hadd fis- 6 pm u alterattivament mill-Gimgha fis-6pm sas-Sibt fis-6 pm.

   Jispjega li l-konvenuta kienet infurmatu li partikularment il-hinijiet ta' fost il-gimgha ma kienux qed jahdmu ghat-tfal, partikularment minhabba l-iskola. Ghalhekk kienu waslu fi qbil, fejn l-access kellu jitnaqqas ghal darba fil-gimgha bejn is-2.30 pm sas-6 pm kull nhar ta' Erbgha. Fil-verita' dan wassal sabiex naqqas siegha u minhabba dan l-arrangjament kellu ukoll jaghmel arrangjamenti mal-imghallem

[1] A fol. 119 tal-process

tieghu. Wara li l-iskola spiċċat, il-konvenuta kienet talbitu biex jergghu jsegwu l-kundizzjonjiiet li kien hemm fil-kuntratt, iżda l-attur oġġezzjona peress li ma setax kull darba jaghmel arrangjamenti ghax-xoghol. Kien wara li oġġezzjona li l-konvenuta qajjmet il-kwistjoni tat-*tongue fighting.*

Isemmi li l-iktar li kien jehtieg it-tibdil fl-access kien li sakemm jehodhom lura d-dar ghax hu joqghod il-Gzira, filwaqt li l-konvenuta toqghod l-Imtarfa, it-tfal kienu jispiccaw jorqdu fil-karozza, imbaghad kienu jdumu mqajjmin id-dar.

Meta wasal Settembru, l-attur jammetti li kien tkellem mal-konvenuta sabiex tal-anqas darba fil-gimgha jibda jiġbor it-tfal mill-iskola, iżda l-konvenuta baqghet toġġezzjona. L-attur jikkonferma li dejjem ghamel it-tragitti hu bejn il-Gzira u l-Imtarfa.

Dwar is-sezzjonijiet li saru ma' Dr. Mary Muscat ighid li ma kienx jaf meta saru u fejn saru.

F'Lulju, 2022, il-konvenuta kienet semmietlu l-ewwel darba l-kwistjoni ta' *tongue fighting* u riedet tkun taf ma' min qed jaghmilha. Allegat ukoll li kien dahal ilsienu f'halq it-tfal u dan jichdu kategorikament.

L-attur jikkonferma ukoll li kien mar ghand il-psikologu Mark Xuereb u dan wara li l-konvenuta bdiet takkużah ta' vjolenza domestika u kien ha dawn l-akkuzi hazin hafna u fi kliemu kien "iffreakja." Hu kien in kuntatt ma' shabu li bdew jahsbu li ser jaghmel xi haġa hazina u meta kien fi triqtu ghat-tfal kienu waqqfuh il-pulizija. Kien

irrakkomandaw li jmur ghand Dr.Xuereb u hekk ghamel hekk filghaxija u kien qabel mieghu li ghandu raġun ihossu hazin. Kien addirittura hejja rapport u ċċertifika li ma kellux *concerns* ghalih u li kien tajjeb sabiex ikun mat-tfal. Jikkonferma li ghadu jmur jara lil Dr.Xuereb sabiex dejjem ikun tajjeb ghat-tfal.

L-attur jikkonferma ukoll li jsegwi l-edukazzjoni tat-tfal, li jattendu San Alwigi Junior School u anke jattendi ghall-attivitajiet bhal *Parents day*, kunċerti u anke *sports day* fejn anke jinvolvi ruhu bhala ġenitur. Kien hemm okkazzjonijiet fejn ma setax jattendi minhabba mpenji ta' xoghol. Issieheb ukoll ma' grupp c*hat* li sar jaf li jeżisti minn ġenitur iehor, Issemmi ukoll li reċentement kellu jiltaqa' mad-dirigenti tal-iskola u dan peress li f'rikors li ppreżentat il-konvenuta, saret allegazzjoni li l-iskola kienet hasset li kien hemm *withdrawal symptoms* fit-tfal minhabba t-tibdil fl-access. Mil-laqgha mad-dirigenti tal-iskola rrizulta li qatt ma kienu taw pariri fuq dina l-linja u fil-fatt ikkonfermaw dan bil-miktub.

Jikkonferma ukoll li d-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal qatt ma kienu baghtu ghalih. Waqt wahda mill-SAV's ienet uriet ix-xewqa li tippreferi torqod ghand ommha, ghalkemm kienet timmissija lin-nanniet paterni u anke meta l-haddiema soċjali qaltilha li l-genituri taghha kienu jhobbhom l-istess ammettiet li kienet taf dan.

Ighid ukoll li jaghmlu hafna attivitajiet flimkien waqt l-SAV's sabiex ighaddu s-saghtejn. Jispjega sakemm kien hemm ordni tal-Qorti sabiex iwaqqfu l-access, imbaghad beda l-biki tat-tfal u ghal bidu ma kienx ta kaz, iżda mbaghad beda jinduna li malli jinżlu isfel, wara li jkun ġabarhom minghand ommhom, it-tfal kienu jieqfu jibku.

.

2. **K B** tikkonferma li kienu sseparaw permezz ta' kuntratt fl-2020 u dwar l-access kienu ftehmu li ghandu jiġi ezercitat kull nhar ta' Tlieta u l-Hamis bejn il-5.30 pm sat-8 pm u s-Sibt sal-Hadd bejn l-10 am sas-6 pm l-ghada meta t-tfal jaghlqu erba' snin.

   Tghid li sakemm it-tfal ghalqu erba' snin kien imur jarahom ghandha, iżda ma tantx kien jinbena *bond* peress li l-attur kien joqghod fuq is-sufan u kien iktar mohhu sabiex imur jixtri mill-*grocer*. Kien ukoll isib skuzi biex jaqbad ġlieda u kien jitlaq qabel ma kienu jiskorru s-saghtejn u nofs. Kienet bdiet itih it-tfal xi xahrejn qabel ma ffirmaw is-separazzjoni. Imbaghad meta bdew l-access u t-tfal kienu jibku u jghajjtu sabiex ma jmorrux u kienet tahseb li dan kien minhabba li ma tantx kellhom *bond* ma' missierhom. Fis-sena 2021, bil-kemm l-attur kien preżenti f'hajjithom.

   Tkompli tispjega li l-ewwel *sleepover* sehhet Christmas Eve tas-sena 2021. Bdiet tara li t-tfal kienu jkunu anzjużi ghax kienu jharsu lejha bhala *long stay.* M Kienet l-iktar wahda sensittiva u meta kien jasal ghalihom l-attur kienu jibku u jghajjtu. Minhabba li rat dawn l-*anxiety issues* kienet ghamlet appuntament ma' Dr.Cher Engerer, iżda kienet hassret l-appuntament u kienet marret ghand Dr.Nigel Camilleri li kien ippreskriva mediċini, iżda rrifjutat peress li t-tfal kien ghad ghandhom erba' snin. Kien ghalhekk li rriferiha lil FSWS li ssuggerewlha li taghmel *role play* ta' *tongue fighting* mat-tfal u kienu t-tnejn dahhlu lsienhom go halqha u G kienet semmiet li lsien missierha kien jinten.

Ftit wara kien kellimha ċertu Andre mill-FSWS li kien infurmaha li l-*file* kien gie maghluq, diment li ma jipproducux certifikat minghand tabib li kienu gew abbuzati sesswalment. Il-konvenut tammetti li ma kinitx kuntenta b'dan u ghalhekk kienet ghamlet appuntament sabiex tara r-raguni, iżda qatt ma kienu regghu nfurmawha.

Sadanittant l-access baqa' ghaddej minkejja hafna ghajjat u biki tat-tfal.
Issemmi li fil-5 ta' Dicembru, 2022 kien l-birthday tat-tfal u kienet ippjanat li tiehu lit-tfal EuroDisney bejn it-30 ta' Novembru sal-4 ta' Dicembru, 2022. Kienet ghalhekk talbet lill-attur sabiex jehodhom fil-birthday taghhhom bejn it-3pm sat-8 pm., iżda kien infurmaha li kien ser ikun imsiefer dakinhar. L-ghada kien qallha li kien ikkanċella din il-vaganza fejn kien ser isiefer, iżda kien impenjat bhala fotografu minhabba loghba ta' futbol.

Imbaghad l-attur kien mar jiġbor it-tfal, imma dakinhar giet infurmata li kien dahal rapport li l-attur kien qed jikkontempla suwiċidju u bdew ifixxtuh fl-irdum ta' Had-Dingli. Il-familja kollha tieghu kienu konxji ta' dina s-sitwazzjoni u mbaghad saru jafu li kien qieghed mat-tfal San Gwann.

Wara dan l-incident kienet regghet marret tkellem lil FSWS biex tinfurmahom li kien hemm *issues* ohra apparti t-*tongue fighting*. Issemmi ukoll li kien hemm kwistjoni ohra bejn l-attur u ċertu A C ghax l-attur kellu relazzjoni ma' martu MC u l-avukata taghha kienet bghatet ittra lill-attur li sakemm tirrizolva ruhha l-kwistjoni bejn l-attur u dan ir-ragel kienet ser tissospendi l-access.

Tikkonferma li wara l-incident tal-5 ta' Dicembru, 2022 kienet infurmat il-Qorti u sussegwentement gew mitkellma t-tfal mill-avukat tat-tfal. Wara li ltaqghu ma' Dr.Tania Sammut, kienet hadet it-tfal jiehdu *drink u* nfaqghu jibku peress li l-avukat tat-tfal kienet qaltilhom li missierhom ihobhom u ghandhom jorqdu ghandu. Tghid li saret taf li l-avukat tat-tfal hjja l-aqwa habiba ta' oht l-attur u rat diversi ritratti taghhom fuq Facebook u ghalhekk talbet li tiġi sostitwita b'avukat tat-tfal newtrali u giet mahtura Dr.Mary Muscat.

Minn hawn gie milqugh ir-rikors taghha u l-Qorti ordnat li l-access jibda jkun supervizjonat. Waqt dan l-access tghid li kienet rat bidla ghaliex it-tfal kienu iktar trankwilli u kienu jaqblu mas-social worker Christine Bradley.

Tghid li minn meta waqqfu s-*supervised* aċċess, m'ghadx ikun hemm it-t*antrums* bhal qabel, minkejja li ghad ma hemmx *bond* bejn l-attur u t-tfal. Tispjega ukoll li kienu regghu bdew isegwu l-access skond id-digriet tal-Qorti, iżda l-attur mhux dejjem segwa l-granet u hinijiet jew kien ihassar jew kien jiġi tard.

In kontro-ezami, il-konvenuta tispjega li meta ghamlu s-separazzjoni konsenswali kienet xtaqet li ma jkunx hemm *sleepovers* sakemm it-tfal jaghlqu hames snin peress li l-attur kien ibati minn *sleep apnoea* u kienet tibza li ma jqumx meta jkun hemm il-htiega.

In kontro-ezami ukoll tikkonferma li ma kinitx qalet lill-attur li kienet hadet lit-tfal ghand ċertu Engerer u sussegwentement ghand Dr.Nigel Camilleri. Kienet ikkonfermat li kellmet l-FSWS darbtejn u ma waslet imkien u wara l-incident tal-5 ta' Dicembru, 2022 kienet

hadet passi bil-Qorti. Kien minhabba li kienet ghadha qed tistenna risposta minghand l-FSWS u ghalhekk kienet damet biex tiehu proċeduri l-Qorti.

Tikkonferma ukoll li permezz ta' messaġġ kienet ghajjret lill-attur li kien hemm vjolenza domestika fuq livell emozzjonali peress li kien ighajjarha in kontinwazzjoni.

In kontro-ezami tikkonferma li kienet tinsisti li t-tfal imorru ghand missierhom ghax kienet obbligata mil-ligi u ma kienx hemm inkorraggjament peress li  kienet taf li ma kinux jiehdu pjaċir.

Dwar is-sessjoni ma' Dr. Mary Muscat tikkonferma li l-attur ma kienx preżenti.

Fl-affidavit taghha, il-konvenuta tispjega li l-ansjeta' kibret fit-tewmin fl-2021 u dan jispikka iżjed meta kien ikollhom aċċess ma' missierhom, partikularment meta jkunu suppost jorqdu hemmhekk. Minkejja dan tammetti li dejjem inkoraggiet lit-tfal sabiex imorru ma' missierhom. Minn dak iz-zmien sa llum it-tfal ghadhom jaghmlu dawn ix-xenati u jistahbew fid-dolls house meta l-attur jiġi ghalihom.

Il-konvenuta ssemmi l-access li sar fl-24 ta' Ottubru, 2024, meta ghal darb'ohra t-tfal ma ridux imorru ma' missierhom u kien irnexxielha tikkonvincihom li malli jaslu ghand missierhom ghandhom icemplulha u dan l-attur ma żammx kellmtu, tant li kellha ccempillu sabiex tkellem lit-tfal. Dakinhar ukoll saret taf li l-attur ha l-itfal sabiex jaraw loghba futbol u ghalhekk ma lestewx il-*homework* u kellhom toqghod maghhom sakemm lestew kollox.

Il-konvenuta tinsisti li kien hemm hafna okkazzjonijiet li l-attur ma kienx jaghmel il-*homework* mat-tfal u minkejja li ppruvat tinkorrgih sabiex juża dan iz-zmien biex jinteragixxi mat-tfal, kien indifferenti ghal kollox u ghalhekk iddeċidiet li tiehu f'idejha biss il-progress edukattiv tat-tfal u dan kien ghall-habta tal-24 ta' Ottubru, 2024.

Minn hawn l-attur beda jinvolvi ruhu iktar f'attivitajiet tal-iskola. Fejn qabel kien jattendi biss ghall-*Parents Day* u ghall-kuncerti, beda jattendi ghall-attivitajiet ohra bhal *Curriculuum meeting*.

Il-konvenuta tinsisti li l-attur beda jirreagixxi hekk ghaliex ried jipprova joskuraha speċjalment mal-ghalliema fejn beda jakkuzaha li ma kinitx tghaddilhu l-informazzjoni fuq l-iskola u dan meta ma kienx minnu stante l-fatt li t-tnejn kellhom aċċess ghall-Teams u ghalhekk seta' jkun jaf ukoll.

Ried anke jiehu sehem f'wiehed mill-progetti ta' "Show and Tell," imbaghad ma marx ighin lill-minuri peress li kellu loghba futbol.

Fil-hin tas-*sleepovers*, it-tfal qalulha li ma jiehdux gost ghaliex missierhom ma joqghodx hdejhom sakemm jorqdu u ghalhekk ikkrea kompetizzjoni li min minnhom jorqod l-ewwel jiehu ċikkulata. Kienu anke semmew li l-attur kien jitkellem ma' KD li ġieli kellmithom fuq *video call* u kienet tghidilhom sabiex jorqdu u twieghdhom ċikkulata.

Il-konvenuta tilmenta ukoll li l-attur jaghmel hafna weghdiet lit-tfal u ma jżommx kellmtu. Isemmi ukoll it-*tongue fighting* u l-incident tal-5

ta’ Dicembru, 2022 u dan meta kien hemm riskju li jikkometti suwiċidju.

Il-konvenuta tinsisti ukoll li l-attur kemm il-darba ma jsegwix l-access u jkun irid ibiddel l-granet u hinijiet skond kif jaqbillu. Meta tirrifjuta l-attur isir aggressiv.

Il-konvenuta ssemmi diversi tilwim li kellhom bhal meta ried jiehu lit-tfal fil-birthday taghha u dan peress li kienet siefret bit-tfal u tilef ftit aċċess u t-tilwim li kellhom fil-5 ta’ Dicembru, 2024 fl-gheluq snin it-tfal u kif ried ibiddel l-access f’Lejlet l-Ewwel tas-sena u dan minhabba li kellhom *running nose.*

Dan kollu juri kemm l-attur ghandu karatturi dominanti u pikuz.

Tghid ukoll li l-attur wera tendenzi narcissistici u manipolativi u jaghzel affarijiet ohra fuq il-bzonnijiet ta’ uliedu u spiss ibiddel il-hinijiet sabiex jakkomodaw l-attivitajiet tieghu. It-tfal kienu jirrabjaw peress meta jkun ma’ missierhom, sempliċiment joqoghdu jaraw it-televixin waqt li l-attur ighaddi l-hin fuq it-telefon u jew fuq il-kompjuter, minflok li jilghab maghhom.

It-tfal kienu urew ix-xewqa li meta jkunu ma’ missierhom icemplulha, iżda l-attur jinnegalhom dan, tant li tikkrea hafna diffikultajiet bejniethom.

Il-konvenuta tkompli tispjega li minhabba dawn il-piki tal-attur spiċċat li lanqas tista’ tippjana vaganza.

Il-konvenuta qed tinsisti ukoll li l-attur ghandu jhallas u jikkontribwixxi ghall-ispejjes tat-tfal u jekk kienet titolbu jhallas kien jattakka billi jghid li ma jircevix c-*childrens allowance*. Ghalkemm hafna drabi ma toqghodx tigri warajh ghall-hlas qed tippretendi li jhallas ghall-ispejjes ta' skola sajf u lezzjonijiet addizzjonali.

Meta t-tfal ikunu ma jifilhux tghid li taghmel *video call* mat-tfal u l-attue sabiex jikkomunikaw flimkien, iżda hafna drabi l-interazzjoni tkun wahda xotta u minima.

Il-konvenuta tkompli tispjega li l-offizi u nsulti kontinwi u l-agir manipolattiv tieghu kemm fil-konfront taghha kif ukoll tat-tfal wassal ghas-sitwazzjoni intollerabbli u ta' detriment ghall-istat emozzjonali ta' uliedha. Tghid li d-dispjacir taghha li l-attur qed jipprova juża l-access bhala mezz biex jikkontrollaha minflok iqatta' l-hin mat-tfal.

3. **Shelley Galea Spiteri** ghan-nom tad-Direttorat ghall-Kura Alternattiva fejn tahdem bhala l*eader* tas-*supervised* aċċess *visits*. Peress li Christine Bradley li ssegwi dan l-access ma setghetx tattendi kienet ġabet il-feedback minghandha, fejn ikkonfermatilha li s-*supervised* aċċess *visits* imorru tajjeb. L-attur jiġi ppreparat, iġib attivitajiet u jilghab mat-tfal. Ghall-bidu kien iqatta' l-ewwel parti tal-SAV's jaghmel attivitajiet relatati mal-iskola u s-*social worker* kienet ġibditlu l-attenzjoni biex jaghmel attivitajiet iktar faċli, ghaliex it-tfal ikunu ghadhom hergin mill-iskola. L-attur sema' minnha u rat kambjament sew.

Tikkonferma ukoll li l-access isir darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn ġewwa l-Agenzija Appogg.

Esebit ukoll ir-rapporti tal-SAV's[2] u ssussegwentement dawn *is-social workers* ghandhom jippreżentaw *assessment.*

4. **Daniela Camilleri Sacco** bhala Kap tal-Iskola San Alwigi fejn jattendu t-tfal minuri tikkonferma li t-tewmin huma tfal riżervati u l-istess konvenuta fil-laqgha li kellhom maghha, anke fi *parents day* kienet ghamlet *disclosure* li kienet hadet lit-tfal ghand psikjatra. Bhala skola qatt ma jaghtu pariri sabiex jiehdu lit-tfal ghand psikjatra, L-ewwel jivverifikaw ma' *play therapist* u meta jkun hemm xi problema jibghatuhom ghand *educational psychologist.*

   Tichad li bhala skola qalu li t-tfal li ghandhom "withdrawal symptoms" ghax hawn ikunu qed jidhlu fil-kamp mediku. Li semmew kien li t-tfal huma "withdrawn" peress li mhumiex *socially adapt*.

   Bhala Kap tal-Iskola tikkonferma li ilha taf lit-twemin ghal dawn l-ahhar sentejn u minn dejjem kienu riżervati u jfittxu lil xulxin.

   Tikkonferma ukoll li l-ghalliema tal-Kinder Ms. Josette Portelli kienet gibdet l-attenzjoni li wahda mit-tfal kienet qed tkun imdejjqa u ghalhekk kienu rreferewha ghal *play therapy*, iżda malli saru jafu li kien hemm il-professjonisti nvoluti ma baqghux jissuġġerixxu xejn iktar.

5. **Andreana Gellel** fil-kapacita' taghha ta' senior social worker fid-Direttorat tal-Harsien ghat-Tfal ikkonfermat ir-rapport li kienet

[2] Dok. SGS 1

ippreżentat. Tghid li waqt is-supervised aċċess visits fil-bidu ghall-habta ta' Lulju, it-tfal kienu jsemmu l-loghob bl-ilsien u kienu qed iġibu ruhhom bhal trabi. F'settembru kienet ikkomunikat il-konvenuta maghhom u kienet infurmathom li t-tfal kienu qalulha li qed idahhlu u johorgu ilsienhom f'halq xulxin. Fuq dina l-kwistjoni tghid li l-verzjoni tat-tfal kienet dejjem tinbidel u kienu jidhru konfużi hafna u ghalhekk per konsegwenza ma kienx hemm biżżejjed evidenza fuq dina l-kwistjoni. Pero'cahdu li xi hadd messhom b'ilsienhom jew dahal idejh f'ilsienhom, ghalkemm inizzjalment kienu qalu li missierhom ipoġġi ilsienu f'ilsienhom.

Izzid tghid fil-konkluzzjonijiet raggunti li l-genituri kienu impikati bejniethom u kienu iktar jiffokaw fuq il-komunikazzjoni ta' bejniethom milli fuq l-interessi tat-tfal.

Tikkonferma ukoll li l-partijiet kienu infurmawha li kien qed ikollhom hafna battibekki fuq l-access peress li riedu jvarjaw il-kuntratt.

6. **R AW** omm il-konvenuta tikkonferma li fil-bidu tas-separazzjoni, l-attur kien imur jara lit-tfal ghandhom, peress li l-konvenuta u t-tfal kienu joqoghdu maghha. It-tfal kienu jilghabu wahedhom filwaqt li l-attur kien joqghod fil-kcina maghhom. Il-konvenuta kienet iddejjqet b'dina s-sitwazzjoni u kienet talbet li l-access jsir barra ghax ma kienx qed jinbena *bond* mat-tfal.
It-tfal kienu mdejjqin hafna biex imorru ghall-access ma' missierhom. Waqt li l-access kien jiġi ezercitat l-Appogg kienu iktar kalmi u kuntenti. Meta kien ikollhom is-*sleepovers* kienu jippanikkjaw u kienu jsiru aggressivi. Ghadhom jippanikjaw sallum jekk ikollhom *sleepovers.*

Tispjega li sabiex jinkoraġġixxu lit-tfal ighidulhom li jekk ser imorru ghand missierhom jekk hux ghal saghtejn jew jekk hemmx *sleepover.*

Tispjega li ghalkemm kienu ghamlu żmien ighixu maghha meta l-partijiet kienu ghadhom ma sseparawx, l-attur ma tantx kien iqatta' hin maghhom ghax wara x-xoghol dejjem kellu x'impenji ohra.

7. **Dr. Marc Xuereb** jikkonferma li kien jaf lill-attur peress li kienu ċemplulu l-pulizija fuq il-*crisis line* relatati ma' emerġenzi psikoloġiċi. Kienu infurmawh li kien hemm persuna fi stat ta' aġitazzjoni. Kien rah u wara li ezaminah fuq livell psikjatriku u psikoloġiku seta' jikkonstata illi l-attur kien qed ibati minn *acute stress reaction*. Kien jaf li l-partijiet kellhom hafna problemi u kellu reazzjoni psikoloġika u ried żmien ghalih biex jahseb.

   Jghid li dina r-reazzjoni ma kinitx konsegwenza ta' mentali serju . Fl-attur ra li mhuwiex persuna mentali u li anzi huwa persuna edukata li jrid ikun missier tajjeb. Ighid ukoll li huwa persuna li jrid jinvolvi ruhu fil-hajja tat-tfal u anke fl-attivitajiet taghhom bhall-zfin, jehodhom il-quddies, iżda minkejja kollox kien hemm problemi fiz-zwieg u kien qed jisma' biss qanpiena wahda, iżda li hu cert hu li ghandhu ghall-qalbu l-interessi tat-tfal biss.
   Ir-riskju ta' *self-harm* kien baxx hafna, anke l-abbuzz u "neglect u exploitation" kienu baxxi. Ighid li l-attur kellu hafna kwalitajiet sabiex ikun missier tajjeb.

Jikkonferma li kien hareg certifikat fis-6 ta' Dicembru, peress li hass li l-attur kien *safe* u ma kienx hemm problemi ta' psikozi, jew problemi ta' intossikazzjoni ta' drogi, jew alkohol. Sabiex jibqa' jikkonferma dan kien iżomm diversi sezzjoni li ghall-bidu kienu iktar frekwenti, imbaghad tnaqqsu ghal darba fix-xahar.

Dwar medikazzjoni jikkonferma li llum l-attur mhux qed jiehu xejn, pero' seta' wara l-5 ta' Dicembru, 2022 ippreskrivilu xi haġa hafifa biex itaffi l-ansjeta' li kellu.

Jikkonferma li kien ra lill-attur reċentement u huwa konsistenti mar-rapport li kien hejja qabel.

Jikkonferma ukoll li l-*high stress level* li kellu l-attur fil-5 ta' Dicembru, 2022 kien relatat mal-fatt li l-konvenuta kienet akkużatu ta' vjolenza domestika.

8. **FC** hija habiba tal-konvenuta. Tikkonferma li jiffrekwentaw lil xulxin peress li ghandhom it-tfal tampar xulxin. Tghid li t-tfal iffissati f'ommhom u mqabbdin maghha. Izzid tghid li hija omm iddedikata hafna u anke t-tfal taghha kienu jiehdu pjaċir bil-presenza taghha ghax tilghab maghhom.

   Issemmi fejn il-konvenuta u uliedha kienu attendew *party* li kellha u meta wasal il-hin li t-tfal kellhom jitilqu ghand missierhom bdew jibku hafna. Rat dan isehh xi hames darbiet, iżda fl-ebda hin ma rat jew semghet lill-konvenuta tghid kontra l-attur.

Tghid li kien hemm okkazzjoni fejn il-konvenuta kienet mdejjqa ghaliex l-attur kien semma l-*partner* tieghu mat-tfal u rrefera ghaliha bhala l-*mummy* taghhom.

Tghid ukoll li kien hemm okkazzjonijiet, partikularment is-Sibtijiet fejn kienu jiltaqghu mat-tfal meta jkun imisshom aċċess ma' missierhom.

9. **Ruth Fenech** ghan-nom tal-Kummissarju tal-Pulizija ppreżentat ir-rapport li sar fil-5 ta' Dicembru, 2022.[3]

10. **Dr. Moira Borg** dwar ir-rapport li ppreżentat tghid li l-konvenuta riedet tmur tghix m'ommha wara li twieldu t-tewmin ghaliex ma kellhiex ghajnuna minghand l-attur. Izzid tghid ukoll li ghalkemm ma kinitx kuntenta fiz-zwieg riedet taghti lill-attur esperjenza ta' missier.

Tikkonferma ukoll li l-konvenuta kienet qaltilha li meta l-attur ikun f'relazzjoni ma jaghtix daqshekk attenzjoni lit-tfal u kien jispiċċa jgibhom lura d-dar iktar kmieni minn meta jispiċċa l-access.

Tghid ukoll li l-attur kien qalilha li l-konvenuta kienet iżommu 'l boghod mill-familja tieghu peress li ma kellhiex relazzjoni tajba maghhom. It-tnejn però' kellhom id-dispjaciri taghhom, l-attur li kien ihoss li l-konvenuta taqtghu mill-familja tieghu u ma kinitx taghtih daqshekk cans sabiex jipparteċipa fit-trobbija tat-tfal, filwaqt li l-konvenuta kienet thoss li l-attur kien assenti hafna minn hajjithom.

[3] Dok. RF 1

Mis-saghtejn laqgha li kellhom irriżulta li kien hemm nuqqas kbir ta' komunikazzjoni bejniethom bhala koppja. Kien hemm anke sens ta' kompettivita' bejniethom u dan kien jinhass mill-fatt li l-konvenuta kienet qed tirrifjuta li l-attur jiġbor l-itfal mill-iskola meta jkollha aċċess. Ighid li kienu jikkompetu fuq kollox minn jilbes l-ahjar, min irabbi l-itfal ahjar u ma' min jaghmlu l-*homework* l-ahjar. Fil-laqgha bejniethom, il-konvenuta ammettiet li ma hallitx lill-attur jaghmel il-*homework* mat-tfal peress li ma kienx isir sew.

Jikkonferma ukoll li l-attur kien ikkonċernat li Kylie Azzopardi, il-*play therapist tal-iskola* kienet taghmel appuntamenti minghajr ma tinfurmah.

Tghid ukoll li l-attur kien mhasseb dwar il-kapacita' mentali tal-konvenuta biex tiehu hsieb it-tfal.

Izzid tghid li l-konvenuta kellha "strong parental hold and control" u ghalkemm tixtieq l-ahjar ghall-uliedha, titratta lill-attur qisu ma jafx u mhux kapaci jaghmel xejn. Akkademikament iktar tiehu interess imma hija haga normali, izda li kien jikkoncernah kien li l-konvenuta kienet tghaddi certu informazzjoni lit-tfal bhal per ezempju peress li missierhom telaq, kellhom ifittxu missier iehor.

Fir-rakkomandazzjonijiet semma' li l-konvenuta ghandha bzonn terapija u dan minhabba l-fatt li giet abbandunata minn missierha meta kienet zghira, u dan halla impatt fuq il-mod kif titratta missier uliedha. Dan kien fattur importanti li ma setax jigi njorat.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi primarjament, il-Qorti hadet konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni talba tal-attur fil-kawza odjerna.

**L-ewwel talba**

Illi dina t-talba giet sorvolata peress li l-atti tal-medjazzjoni gew allegati mal-atti tal-kawza odjerna, u ghalhekk il-Qorti tista' tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess f'dan l-istadju.

**It-Tieni talba**

It-tieni talba tal-attur tirrigwarda r-revoka tad-digriet moghti minn dina l-Qorti fl-4 ta' April, 2023 in atti tal-Ittra Numru 1503/2022 fejn kien ordnat illi l-*isleepovers* mal-missier jieqfu, kif ukoll fejn kien ordnat illi l-missier ikollu access supervizjonat mal-minuri.

In segwitu ghar-rapport rilaxxat minn Andreana Gellel datat 23 ta' Gunju, 2023[4] b'digriet taghha tas-7 ta' Lulju, 2023, il-Qorti rrevokat id-digriet taghha tal-4 ta' April, 2023 fejn l-access bejn l-attur u l-minuri kien taht supervizjoni u akkordat l-access fil-mod segwenti:-

i) Kull nhar ta' Erbgha bejn is-14.30 hrs sas-19.30 hrs u

[4] Dok. BB 1

ii) fil-weekend darba mill-Gimgha mis-18.00 sas-Sibt fis-18.00 hrs u b'mod alternattiv il-gimgha ta' wara mis-Sibt mis-18.00 hrs sal-Hadd fis-18.00 hrs.

Andreana Gellel fil-kapacita' taghha ta' Senior Social Worker II fid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal fit-Taqsima Court Services kienet hasset li l-minuri ma kinux konsistenti f'dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tat-*tongue fighting* u m'hemmx provi bizzejjed sabiex dan jigi kkonfermat. Inoltre, it-tfal minuri qed jinsabu mhawwdin b'dak li qedghin jisimighu.

It-tfal minuri ukoll spiss qalu li jixtiequ li ma jkunx hemm glied bejn il-genituri u l-iktar kien jirrigwarda ghaliex imorru ghand missierhom. It-tfal anke urew ix-xewqa li jergghu imorru ghand missierhom u jqattghu hin mieghu, jorqdu ghandu u anke jaraw lin-nanniet paterni.

**<u>It-tielet talba</u>**

F'dina t-talba, l-attur talab lil dina l-Qorti sabiex tiehu dawk il-provvedimenti xierqa fic-cirkostanzi dwar ir-residenza, kura u kustodja, access u manteniment tal-minorenni Martin u Giulia wara li tisma' lill-minorenni u l-professjonisti kollha involuti fil-kaz.

F'dan ir-rigward, dina l-Qorti mxiet fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' Andreana Gellel fejn irrakkomandat is-segwenti:-

> ***"2. Minhabba l-piki u nuqqas ta' komunikazzjoni cara u semplici bejn il-genituri, il-genituri ghandhom jattendu ghat-terapija ghand l-istess psikoterapista Dr.Moira Borg,***

***li tara lill-minuri hi u timxi skont dak li huwa bzonnjuz sabiex il-genituri jitghallmu jaccettaw ir-rwol tal-genitur l-iehor, jitghallmu jitkellmu u tghin lill-genituri jikkomunikaw mal-minuri dwar is-separazzjoni tal-genituri u mhux tal-familja.***

***3. Il-genituri jattendu separatament ghall-kors ta' Parenting when separated fi hdan il-FSWS sabiex itejbu l-hiliet taghhom fix-shared parenting."***

Ghal dan il-ghan, il-Qorti osservat li kellha ssegwi r-rakkomandazzjonijiet ta' Andreana Gellel u nnominat lil Dr. Moira Borg fil-21 ta' Gunju, 2023 li sussegwentement ipprezentat ir-rapport taghha fil-15 ta' Novembru, 2023.[5]

Dr. Borg ikkonstatat li wara li tkellmet mal-minuri, mal-genituri u anke l-professjonisti nvoluti kellha zewg preokkupazzjonijiet :-

***"a) the deep conflict between the parents – coming from their polar personality and their negative perception of each other.***

***b) the strong parental hold and control that the mother seems to have on the minors – it was evident throughout the assessment that Ms. B consistently gives the minors the idea that she has more right over them than their father as she gave birth to them and as their father was "naughty" and had left home. On a logistical level, from***

[5] Rapport issigillat a fol.150 tal-process

> ***narratives shared during the therapy, it was also observed that the mother was using all the means in her power to evict the father from the girls' life as a parent by not allowing him to pick them up from school, not allowing him to do homework with them and by many times not informing him of any decisions regarding education (use of school van) or health (medical appointments).***
>
> ***During the assessment, the latter was also found to be the major contributor of the conflict between them."***

Fil-fehma ta' Dr. Borg, il-konvenuta kellha l-percezzjoni li kienet hi li tiddeciedi kif u come l-attur ghandu jghix l-esperjenza ta' missier ("experience of childhood"). Dejjem riedet li dak li tghid u trid ighaddi a kost ta' kollox, anke meta kien hemm bzonn li timmanipula l-fatti. Skond Dr.Borg il-konvenuta kienet ghamiltha cara li riedet teskludi lill-attur minn kollox u tizolah minn hajjet it-tfal, bhal meta tinsisti li m'ghandux jigbor l-itfal mill-iskola jew li m'ghandux jaghmel *homework* maghhom, ghax l-unika darba li ghamlu maghhom, ma kienx sar tajjeb.

Il-konvenuta nsistiet li kemm l-attur, kif ukoll il-familja tieghu qatt ma kienu hemm ghat-tfal u anke waqt li jkun hemm l-access, l-attur mhux dejjem ezegwih skond il-granet u hinijiet stipulati u dan minhabba li f'dak il-perjodi jkollu relazzjoni ma' mara ohra.

Dr. Borg ikkonstatat ukoll li l-konvenuta holqot konfuzjoni shiha f'mohh it-tfal li wassal sabiex qed ibatu minn hafna *stress* u ansjeta'

u dan meta ddahlilhom f'mohhom li ma jaddoperawx sistema ta' familja normali u dan peress li gialadarba missierhom telaq kellhom isibu missier iehor biex ighix maghhom –

> "***From accounts given by the minors during the play, it was also evident that the mother was giving her daughters the perception that there was something shameful and wrong in their system and that only families where the father stayed could be perceived as such."***

Ammettiet ukoll li …"***both girls many times found it hard to come up with representations of, or talk about, their family systems. They also gave conflicting experiences of their father many times making it clear that they were repeating what they were being told by their mother."***

Dr.Borg tikkonferma li dak li kkonstat hi, gie ukoll ikkonstat mill-iskola kif ukoll minn Dr. Nigel Camilleri u l-biza li qed tigi affrontata hi li:

> ***"When children are exposed to such a crude level of parental gaslighting or manipulation of their lived experience and parental alienation especially at such a young age it is highly deleterious to their wellbeing and development and can result in severe mental health, personality and social functioning problems in their adult life."***

Dan hu ferm differenti minn dak li ssostni l-konvenuta, fejn fix-xhieda taghha tpingi kwadru differenti ta' missier indifferenti li m'ghandux *bond* mat-tfal minuri, tfal li ma jridux imorru jorqdu ghand

missierhom u donnhom jippreferu ix-*short stays* ghandu milli *long stays*, Wara d-digriet li nehha l-access taht supervizjoni, il-konvenuta tammetti li t-tfal m'ghandhomx jaghmlu daqshekk *tantrums* kif kienu qabel, izda kienu iktar kalmi meta l-access kien ikun taht supervizjoni.

Inoltre, il-qofol ta' dan l-inkwiet u piki fuq it-tfal waslu fil-quccata taghhom fil-5 ta' Dicembru, 2023 u cioe' fl-gheluq snin it-tewmin, fejn il-konvenuta kienet talbet lill-attur jiehu l-itfal fil-birthday taghhom, peress li kienet ser issiefirhom EuroDisney ftit qabel. L-attur irrifjuta peress li kien ser ikun imsiefer fuq xoghol, izda mbaghad biddel l-arrangjamenti u ftehem li jehodhom. Sakemm waslu ghall-qbil, kien hemm hafna dizgwid bejn il-partijiet, fejn il-konvenuta akkuzat lill-attur b'vjolenza domestika fuq livell emozzjonali.

L-attur jammetti li din l-akkuza kien hadha bil-kbira hafna u kien fi stat hazin hafna, li xi hbieb tieghu hasbu li kien qed jikkontempla suwicidju, tant li sar rapport u ntervjenew il-pulizija u rreferewh ghand Dr. Marc Xuereb psikologu, wara li kien instab, flimkien mat-tfal San Gwann. Dr. Xuereb ikkonferma li fl-attur ma sab l-ebda periklu ghat-tfal, kien missier dedikat li xtaq ikun iktar involut f'hajjet it-tfal.

Dr. Xuereb  jikkonstata illi l-attur kien qed ibati minn *acute stress reaction* dakinhar peress li l-konvenuta kienet akkuzatu ta' vjolenza domestika, pero' llum minhabba li nżammu diversi sezzjonijiet m'hemm l-ebda riskji.

Fejn il-konvenuta tidher li ghandha raġun huwa fejn jirrigwarda l-ottemperanza mad-digriet tal-access u dan meta jirrizulta li l-attur ibiddel frekwentement il-granet u hinijiet, Il-konvenuta fil-fatt elenkat id-diversi granet u hinijiet li talab li jvarja l-attur. Dan mhux fl-interess tat-tfal ghaliex jehtiegilhom sens ta' stabbilita' f'hajjithom u anke jekk il-Qorti tapprezza li xi kultant impenji tax-xoghol jirrikjedu tibdil fl-access ghall-attur, ikun opportun li jkun hemm pre-avviz tal-anqas 24 siegha jekk kemm il-darba l-attur ikun irid ibiddel l-access, imma ghandu jillimita dawn it-talbiet mill-iktar possibbli.

Dr. Borg irrakkomandat ukoll li l-attur ghandu jinghata ġurnata ohra fost il-gimgha u ghandu jinghata kull opportunita' sabiex jaghmel il-*homework* mat-tfal f'dawn il-granet. Il-partijiet kienu diga' waslu ghall-ftehim bejniethom li minhabba l-iskola u l-impenji taghhom, l-attur kellu jarahom darba fost il-gimgha u cioe' l-Erbgha bejn is-2.30 sat-8 pm. Dan l-arrangjament donnu hadem ghall-partijiet u l-Qorti mhix daqshekk propensa li zzid ġurnata ohra kull gimgha, anke peress li l-attur ukoll f'dak il-kaz ser ikollu jaghmel arrangjamenti mal-*employer* tieghu.

Ghalhekk ikun iktar opportun li fil-gimgha meta l-access jiġi ezercitat bejn is-Sibt u l-Hadd tiżdied ġurnata ohra fost il-gimgha skond l-impenji tat-tfal ghal tlett sieghat. Rigward l-access l-Erbgha dina l-Qorti tordna li t-tfal jinġabru mill-attur mill-iskola u jirritornahom id-dar tal-konvenuta, li ser tibqa' r-residenza permanenti tat-tfal.

Sadanittant, jekk wiehed mill-partijiet ser isiefer, ikun opportun li tal-anqas ikun hemm pre-avviz ta' xahar bil-quddiem sabiex kull wiehed rispettivament ikun jista' jaghmel l-arrangjamenti tieghu. Ikun

opportun li l-parti li qed tivvjaga mal-minuri, tinforma l-parti l-ohra bil-hinijiet u granet tat-titrijiet, fejn ser ikunu qed jirrisjedu, kif ukoll jobbligaw ruhhom li jkun hemm kuntatt mal-genitur li huwa assenti tal-anqas darbtejn kuljum, filghodu u filghaxija.

Fl-ahharnett, dina l-Qorti ukoll ser tadotta r-rakkomandazzjonijiet ta' Dr. Moira Borg, in kwantu jassodaw dak propost ukoll minn Andreana Gellel u dan peress li huwa car li l-problemi mat-tfal mhux ser jiġi riżolti biss bl-access, iżda jehtieg li jkun hemm forma ta' terapija sabiex il-partijiet, in partikolari l-konvenuta tifhem li l-missier huwa ukoll parti mill-istruttura familjari.

Il-Qorti ser tinsisti li tinżamm dina t-terapija u fin -nuqqas li l-konvenuta ma tattendix u ma tikkooperax, dina l-Qorti qed tirriżerva li l-minuri jiġu fdati fil-kura u kustodja tal-attur u dan peress li qabżet linja cara fejn ippruvat b'hafna manipulazzjonijiet tikkontrolla u tavvelena lit-tfal ghall-missierhom l-attur u dan b'detriment ghalihom. Jekk dawn l-interessi tat-tfal mhux ser jiġu mharsa, dina l-Qorti ser tirriżerva minn issa li tipprovdi mod iehor.

Ghaldaqstant, qed tordna lill-partijiet sabiex :-

i) jattendu separatament il-kors "Parenting when Separated" fil-FWSW (Foundation for Social Welfare Services" u bl-ghan "sabiex itejbu l-hiliet taghhom fis-"shared parenting, "[6] kif anke rrakkomandat Andreana Gellel.

[6] Rapport ta' Dr.Moira Borg

Il-FSWS ghandha tinforma lil dina l-Qorti jekk il-partijiet attendewx dan il-kors wara li gie komplut.

ii) Il-partijiet ghandhom jibdew jattendu ghall-terapija individwali sabiex jirnexxielhom jipprocessaw ir-rabja li ghandhom fil-konfront ta' xulxin, kif ukoll sabiex il-konvenuta tkun tista' tipprocessa l-abbandun ta' missierhom minn ckunitha peress li dan l-abbandun halla impatt fuq il-percezzjoni taghha ta' "fatherhood and family separation."[7]

**Manteniment**

Minkejja li l-konvenuta tinsisti li tippretendi li l-attur ghandu jikkontribwixxi ghal diversi spejjez, ma pprezentat l-ebda provi f'dan is-sens, lanqas tat-hjiel tal-introjtu taghha u tal-attur u xiex qed tippretendi. In ogni caso sabiex tigi varjata klawsola ta' manteniment f'kuntratt konsenswali ta' separazzjoni, huwa ferm difficili minhabba l-kuncett legali ta' *pacta sunt servanda.* Ghalhekk peress li l-partijiet ma dahlux u esploraw dan il-kuncett, il-Qorti mhix ser tvarja xejn rigward il-kwistjoni tal-alimenti.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

[7] Rapport ta' Dr.Moira Borg

1. Tastejni milli tiehu iktar konjizzjoni tal-ewwel talba stante li l-medjazzjoni gie annessa ma’ dawn l-atti.
2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li l-istess digriet gie rrevokat kif gie deciz iktar ‘l fuq fl-intestatura “It-Tieni talba.”
3. Tilqa’ t-tielet talba attrici u tordna u tapplika l-provvedimenti hemm kontenuti u decizi fl-intestatura “It-Tielet Talba.”

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**